**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Marzu, 2001**

**Numru 15**

**Avviz. numru 44/01JR**

**Practical Trading Co. Ltd.**

**vs**

**Carmel Bartolo**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Jannar, 2001, fejn intalab il-hlas ta' wiehed u sebghin lira Maltija u seba' centezimi (Lm71.07) dovut bhala bilanc minn somma akbar prezz ta' merkanzija lilhu mibjugha u kkonsenjata fuq ordni tieghu stess;**

**Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-10 ta' Lulju, 2000.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda tal-P.L. Davina Sullivan ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici hija soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' wiehed u sebghin lira Maltija u seba' centezimi (Lm71.07), bl-imghaxijiet legali mill-10 ta' Lulju, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali mill-10 ta' Lulju, 2000, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**